MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Louis Farrugia
vs
Kmandant tal-Forzi Armati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, u b’mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta’ Jannar tal-1992, ir-rikorrent sofra ingustizzja f’li ma nghatax promozzjoni li kienet timmeritah;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi r-rikorrent beda jahdem mal-Forzi Armati ta’ Malta fit-3 ta’ Dicembru 1976. Illi fit-22 ta’ Jannar 1992, giet ippublikata Promotion Order 1/92 li fost promozzjonijiet ohra kienet taghmel referenza ghall-promozzjoni ta’ Sargeant ghall-Staff Sargeant;

Illi r-rikorrent fiz-zmien li harget il-promozzjoni, kellu r-rank ta' Sargeant u wkoll kellu l-kwalifiki kollha ghar-rank ta' Staff Sargeant u dan kif titlob l-AFM Records Standing Instructions Serial No. 3 tat-18 ta' Novembru 1976.

Illi r-rikorrent fiz-zmien li harget il-promozzjoni, kellu l-kariga tac-Chief Clerk tal-First Regiment, liema kariga kienet iggorr maghha r-rank ta' Staff Sargeant. Ir-rikorrent kellu wkoll l-oghla Trade Qualification kif mitluba mix-xoghol tieghu;

Illi minkejja li kellu dawn il-kwalifiki r-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni ghall-Staff Sargeant kif kien jisthoqqlu. Illi l-persuni ohra li nghataw din il-promozzjoni kellhom inqas kwalifiki minn tar-rikorrent.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu quddiem it-Tribunal lix-xhieda kollha indikati fir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ta' Staff Sargeant b'lura mit-22 ta' Jannar 1992 jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' kif jidhirlu xieraq it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi irrizulta li fil-promozzjonijiet li r-rikorrent qed jilmenta dwarhom, cioe` dawk b' effett mill-20 ta' Jannar 1992, barra li hu kien ressaq l-ilment tieghu dwar in-nuqqas ta' promozzjoni lill-Ufficjal Kmandant tieghu ta' dak iz-zmien kien ukoll ressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kmandant tal-Forzi ta' Malta ta' dak iz-zmien. Ma rrizultax li wara li l-Kmandant tal-Forzi Armati ta' dak iz-zmien kien ra lir-

rikorrent dwar l-ilment tieghu hu kien baqa’ jsostni l-ilment tieghu.

Illi fil-promozzjonijiet tal-1992 irrizulta li hadd ***junior*** tar-rikorrent ma kien gie promoss ghar-rank ta’ Staff Sargeant. Mhux talli hekk, imma l-ahhar wiehed li ha promozzjoni fir-rank ta’ Staff Sargeant kien individwu senior tar-rikorrent. Dak li r-rikorrent jippretendi cioe` li jinghata r-rank ta’ Staff Sargeant ghax kif sostna hu kien ikkwalifikat m’ghandux ifisser li l-Ufficjal Kmandant tieghu jew il-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ dak iz-zmien kellu xi obbligu li jaghtih il-promozzjoni. Kieku kien li kull min hu kkwalifikat jinghata promozzjoni fuq il-mertu tal-kwalifika biss, kieku kien ikun hemm obbligu li tinghata promozzjoni lil numru ta’ suldati ferm akbar minn dawk il-vakanzi li kienu jezistu dak iz-zmien.
Illi l-ufficjal kmandant tieghu ta’ dak iz-zmien kien spjegalu li ma kienx possibli li hu jinghata l-promozzjoni minhabba li ma kienx hemm vakanzi bizzejjed biex jakkomodah.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta ta’ dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta’ kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta’ efficjenza kif ukoll abbazi ta’ anzjanita` u ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe` l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

Illi huwa xieraq li wiehed jinnota li r-rikorrent kien gie promoss ghar-rank ta’ Staff Sargeant fit-3 ta’ Marzu 1996 jigifieri fl-ewwel ezercizzju tal-promozzjonijiet li saru wara dak tal-1992. Din id-darba kien hemm biss zewg vakanzi fuq ir-Regiment li r-rikorrent kien ippustjat fih u r-rikorrent kien inghata wahda minnhom.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn qal li dahal fil-Forzi Armati fl-1976 fil-grad ta’ Gunner, u wara ha l-promozzjoni ghal Lance Bumbardier u ghal Bumbardier u finalment ghal Surgent. Qal ukoll li f’Marzu 1987 gie appuntat Chief Clerk tat-Task Force u ha dan ir-rank minghand xi hadd li kien Warrant Officer Class 2, jigifieri tlett gradi oghla minnu. Zied ighid li fl-1992 hargu promozzjonijiet ghal Staff Sargeant. Qal li hass li saret ingustizzja mieghu peress li hu kellu l-kwalifiki mehtiega biex jilhaq il-grad ta’ Staff Sargeant, fosthom l-Army Certificate of Education Class 1, kif ukoll Clerk B1. Sostna li whud milli hadu l-promozzjoni ma kellhomx il-kwalifiki mehtiega u semma xi whud mill-persuni li qal li anqas biss kienu eligibbli, lil 11718 Sgt. Debono, 6060 Sgt. Briffa, 18270940 Sgt. Zammit, 18271034 Sgt. Mifsud, 6052 Sgt. Barbara, 1813634 Sgt. Pace, 6026 Sgt. Spiteri u 6043 Sgt. Libreri.

Semma wkoll li hu dejjem qeda dmiru sew fuq ix-xoghol u li l-O.C.’s tieghu dejjem irrakomnadawh u x-xoghol li kien qed jaghmel kien jaqa’ taht il-grad ta’ Staff Sargeant. Qal li meta ha l-kariga ta’ chief clerk fl-1987 kien in charge mill-clerks kollha tar-regiment.
Xehed Lt. Col. Mario Schembri li esebixxa lista ta’ promozzjonijiet li saru b’effett mill-20 ta’ Jannar 1992 ghar-rank ta’ Staff Sargeant, li tinkludi d-diversi units u tinsab esebita a fol 34 u 35 tal-process. Zied ighid li r-rikorrent gie maqbuz biss Aronne Cacciatolo, li kien gej mill-AFM Depot waqt li r-rikorrent kien First Regiment, u fil-First Regiment qal li kien hemm 659 ruh fl-1991. Dawn il-kwalifiki qal li mhux bilfors biex tiehu promozzjoni ghal Staff Sargeant, irid ikollu s-second class education u

semma li l-promozzjonijiet in kwistjoni kienu bbazati fuq Legal Notice tal-1991. Qal ukoll li fl-1992 l-AFM Depot beda jissejjah H.Q. AFM. Hu kkonferma li r-rikorrent u Aronne Cacciattolo kienu Chief Clerk, wiehed mill-First Regiment u l-iehor mill-AFM Depot. Semma wkoll li r-rekwiziti mnizzlin a fol 28 tal-process ma gewx ezegwiti fil-promozzjonijiet tal-1992, u dan peress li b'legal notice tal-1970, il-Kmandant ghandu l-poteri li jvarja l-istanding instructions. Kompla ighid wara li ghamel il-verifiki li r-rikorrent mill-ewwel regiment fejn kien stazzjonat hu, ma qabzu hadd. Qal li nqabez minn Aronne Cacciattolo li pero` kien qieghed l-AFM Depot. Semma wkoll s-Surgenti li gew promossi ghal Staff Sargeant mill-Maritime Squadron lil 6060 Sgt. Joseph Briffa li kien mate, 18270940 Sgt. Zammit Anthony li kien engine driver, u 6048 Sgt. Joseph Vassallo li kien mate. Hu esebixxa wkoll lista tas-Surgenti kollha fl-1992 kemm dawk li gew promossi ghal Staff Sargeant u kif ukoll dawk li ma gewx promossi, dan minn fol 54 sa 65 tal-process.

Xehed Lt. Col. George Cini li spicca mill-Armata f' Mejju 1992. Qal li jiftakar li r-rikorrent kellmu dwar il-promozzjonijiet u kien spjega lir-rikorrent fi Frar 1992 li kien hemm 3 vakanzi u 10 rakkomandazzjonijiet u hu kien il-5 wiehed fuq il-lista. Qal li fil-fatt hemm imnizzla minuta dwar dan. Zied ighid li l-education kienet wahda mill-elementi li kienet kunsidrata.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent riferibbilment ghall-promozzjonijiet minn Surgent ghal Staff Sargeant fl-20 ta' Jannar 1992 ma gie maqbuz minn hadd. Ix-xoghol tieghu kien imfahhar mis-superjuri tieghu. Fil-promozzjonijiet tal-1992 hu kellu Army Certificate of Education Class 1 bhal erbgha minn dawk li kellhom seniority aktar minnu u saru. Izda kien hemm wiehed li kellu Class 2 u hamsa li kellhom Class 3. Izda l-punt kardinali f' din il-kawza hija d-dokument li kopja tieghu tinsab a fol 28 tal-process li fil-paragrafu tieghu jirrikjedi li ghall-promozzjonijiet ghal Ssgt irid ikun hemm recommendation, efficiency bar, CE2 u medically fit. Dan ifisser illi l-hamsa minn nies li kellhom Class 3 Education u li hadu l-promozzjoni skond l-istess

regolamenti ma kellhomx jiehdu tali promozzjoni. Dan certament kien jiftah il-bibien ghar-rikorrent li jsir kemm fuq bazi ta' kwalifiki kif ukoll fuq dan l-aspett. Issemma li l-Kap Kmandant seta' jvarja dawn ir-regolamenti. Fil-fehma tat-Tribunal mhux sewwa li l-ewwel isiru r-regolamenti biex imbaghad dawn ma jigux segwiti u ghalhekk it-Tribunal isib li l-fatt li r-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni jammonta ghal ingustizzja kif definita fl-Att relattiv.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Staff Sargeant b'effett mill-20 ta' Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------